REGOLAMENT (UE) 2019/877 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Mejju 2019

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fid-9 ta' Novembru 2015, il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja ippubblika d-Dokument dwar il-Kondizzjonijiet tal-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) ("l-istandard TLAC"), li ġie approvat mill-G-20 f'Novembru 2015. L-objettiv tal-istandard TLAC huwa li jiżgura li banek dinjija ta' importanza sistemika, magħrufa bħala istituzzjonijiet dinjija ta' importanza sistemika ("G-SIIs") fil-qafas tal-Unjoni, ikollhom il-kapaċità neċessarja ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni sabiex jgħinu biex jiġi żgurat li, f'riżoluzzjoni u eżatt warajha, dawk l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jissoktaw jaqdu l-funzjonijiet kritiċi mingħajr ma jitpoġġew fir-riskju l-fondi tal-kontribwenti, jiġifieri fondi pubbliċi, jew l-istabbiltà finanzjarja. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Novembru 2015, "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja", il-Kummissjoni impenjat ruħha li sal-aħħar tal-2016 tressaq proposta leġislattiva sabiex l-istandard TLAC ikun jista' jiġi implimentat sal-iskadenza miftiehma internazzjonalment tal-2019.

(2) L-implimentazzjoni tal-istandard TLAC fil-liġi tal-Unjoni trid tieħu kont tar-rekwiżit minimu eżistenti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ('MREL') speċifiku għall-istituzzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (istituzzjonijiet) kollha stabbiliti fl-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe entità oħra kif stabbilit fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) (entitajiet). Peress li l-istandard TLAC u l-MREL jsegwu l-istess objettiv li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet u entitajiet stabbiliti fl-Unjoni jkollhom kapaċità biżżejjed ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni, iż-żewġ rekwiżiti jenħtieġ li jkunu elementi kumplimentari ta' qafas komuni. Operazzjonalment, jenħtieġ li l-livell minimu armonizzat tal-istandard TLAC għall-G-SIIs ("ir-rekwiżit minimu tat-TLAC") jiġi introdott fil-leġislazzjoni tal-Unjoni permezz ta' emendi għar-Regolament

([1]) ĠU C 34, 31.1.2018, p. 17.
([2]) ĠU C 209, 30.6.2017, p. 36.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2019.
([4]) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

(UE) Nru 575/2013 ([5]), filwaqt li s-supplimentazzjoni speċifika għall-istituzzjonijiet għall-G-SIIs u r-rekwiżit speċifiku għall-istituzzjonijiet għal dawk li mhumiex G-SIIs, magħruf bħala l-MREL, jenħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' emendi mmirati għad-Direttiva 2014/59/UE u għar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

Huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 806/2014, kif emendat minn dan ir-Regolament, dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet u entitajiet jiġu applikati b'mod konsistenti ma' dawk fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttivi 2013/36/UE ([7]) u 2014/59/UE.

(3) In-nuqqas ta' regoli armonizzati fl-Istati Membri parteċipanti fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC joħloq spejjeż addizzjonali u inċertezza legali u jagħmel l-applikazzjoni tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna għal istituzzjonijiet u entitajiet transfruntiera aktar diffiċli. In-nuqqas ta' regoli armonizzati tal-Unjoni jwassal ukoll għal distorsjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern peress li l-kosti għall-istituzzjonijiet u entitajiet biex jikkonformaw mar-rekwiżiti eżistenti u mal-istandard TLAC jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri parteċipanti fl-SRM. Għalhekk hemm bżonn li jitneħħew dawn l-ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jirriżultaw minn nuqqas ta' regoli armonizzati fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istandard TLAC. Konsegwentement, il-bażi ġuridika adatta għal dan ir-Regolament hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) F'konformità mal-istandard TLAC, ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 jenħtieġ li jkompli jirrikonoxxi kemm l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-Punt Uniku ta' Dħul (SPE) kif ukoll l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-Punt ta' Dħul Multiplu (MPE). Skont l-istrateġija ta' riżoluzzjoni SPE, tiġi riżolta biss entità unika fi grupp, ġeneralment l-impriża omm, filwaqt li entitajiet oħra tal-grupp, ġeneralment sussidjarji operattivi, ma jitpoġġewx taħt riżoluzzjoni, iżda jgħaddu t-telf tagħhom lill-entità li ser tiġi riżolta. Taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni MPE, tista' tiġi riżolta aktar minn entità waħda fi grupp. Huwa importanti li jkun hemm identifikazzjoni ċara tal-entitajiet li ser jiġu riżolti ("entitajiet ta' riżoluzzjoni"), jiġifieri l-entitajiet li għalihom jistgħu jiġu applikati azzjonijiet ta' riżoluzzjoni, flimkien ma' sussidjarji li jappartjenu lilhom ("gruppi ta' riżoluzzjoni"), sabiex l-istrateġija ta' riżoluzzjoni mixtieqa tiġi applikata b'mod effettiv. Dik l-identifikazzjoni hija rilevanti wkoll għad-determinazzjoni tal-livell ta' applikazzjoni tar-regoli dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni li għandhom japplikaw l-istituzzjonijiet u l-entitajiet. Għalhekk jeħtieġ li jiġu introdotti l-kunċetti ta' 'entità ta' riżoluzzjoni' u ta' 'grupp ta' riżoluzzjoni' u li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 dwar l-ippjanar tar-riżoluzzjoni ta' grupp sabiex il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni ('il-Bord') jintalab espliċitament jidentifika l-entitajiet ta' riżoluzzjoni u l-gruppi ta' riżoluzzjoni fi ħdan grupp u jqis b'mod xieraq l-implikazzjonijiet ta' kwalunkwe azzjoni ppjanata fi ħdan il-grupp sabiex tiġi żgurata riżoluzzjoni effikaċi ta' grupp.

(5) Jenħtieġ li l-Bord jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ikollhom biżżejjed kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni sabiex jiġi żgurat assorbiment mingħajr xkiel u mgħaġġel tat-telf u rikapitalizzazzjoni f'każ ta' riżoluzzjoni, b'impatt minimu fuq il-kontribwenti u fuq l-istabbiltà finanzjarja. Jenħtieġ li dak jinkiseb permezz ta' konformità mill-istituzzjonijiet ma' MREL speċifiku għall-istituzzjonijiet kif previst fir-Regolament (UE) Nru 806/2014.

(6) Sabiex id-denominaturi li jkejlu l-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet jiġu allinjati ma' dawk previsti fl-istandard TLAC, jenħtieġ li l-MREL jiġi espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju u tal-miżura tal-iskopertura totali tal-istituzzjoni jew entità rilevanti, u l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet jenħtieġ li simultanjament jilħqu l-livelli li jirriżultaw miż-żewġ eżerċizzji ta' kejl.

([5]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([6]) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

([7]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(7) Sabiex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet stabbiliti fl-Unjoni, inkluż fuq livell globali, il-kriterji ta' eliġibbiltà għal obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna għall-MREL jenħtieġ li jkunu allinjati mill-qrib ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 għar-rekwiżit minimu tat-TLAC, iżda soġġetti għall-aġġustamenti kumplimentari u r-rekwiżiti introdotti f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari, jenħtieġ li ċerti strumenti ta' dejn b'komponent ta' derivattiv inkorporat, bħal ċerti noti strutturati, ikunu eliġibbli, soġġetti għal ċerti kondizzjonijiet, bħala li jissodisfaw l-MREL sakemm dawn ikollhom ammont kapitali fiss jew dejjem akbar li jinfeda mal-maturità li jkun magħruf minn qabel filwaqt li redditu addizzjonali biss ikun marbut ma' dak il-komponent ta' derivattiv u jiddependi fuq il-prestazzjoni ta' assi ta' referenza. Fid-dawl ta' dawk il-kondizzjonijiet, dawk l-istrumenti ta' dejn huma mistennija jkollhom kapaċità kbira ta' assorbiment tat-telf u jkunu jistgħu jiġu faċilment soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna waqt riżoluzzjoni. Fejn l-istituzzjonijiet jew l-entitajiet ikollhom il-fondi proprji li jaqbżu r-rekwiżiti tal-fondi proprji, jenħtieġ li dak il-fatt ma jaffettwax minnu nnifsu deċiżjonijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni tal-MREL. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jissodisfaw kwalunkwe parti tal-MREL tagħhom permezz tal-fondi proprji.

(8) L-ambitu ta' obbligazzjonijiet użati biex jissodisfaw l-MREL jinkludi, fil-prinċipju, l-obbligazzjonijiet kollha minn pretensjonijiet li jirriżultaw minn krediturі ordinarji mhux garantiti (obbligazzjonijiet mhux subordinati) sakemm ma jissodisfawx kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà pprovduti f'dan ir-Regolament. Biex titjieb ir-riżolvibbiltà ta' istituzzjonijiet u l-entitajiet permezz ta' użu effettiv tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jitlob li l-MREL jiġi sodisfatt permezz ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati oħra, b'mod partikolari fejn jkun hemm indikazzjonijiet ċari li l-krediturі soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna x'aktarx ser iġarrbu telf waqt ir-riżoluzzjoni li jaqbeż it-telf li jġarrbu taħt proċedimenti ta' insolvenza normali. Jenħtieġ li l-Bord jivvaluta l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet jintalbu jissodisfaw l-MREL b'fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati oħra fejn l-ammont ta' obbligazzjonijiet eskluži mill-applikazzjoni tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jilħaq ċertu limitu fi klassi ta' obbligazzjonijiet li tinkludi l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-MREL. Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet jissodisfaw l-MREL b'fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati oħra sa fejn neċessarju sabiex jiġi evitat telf mill-krediturі tagħhom li jkun ogħla minn dak li kieku dawk il-krediturі kienu jġarrbu taħt proċedimenti ta' insolvenza normali.

(9) Huwa meħtieġ li kwalunkwe subordinazzjoni ta' strument ta' dejn rikjesta mill-Bord għall-MREL tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li r-rekwiżit minimu tat-TLAC jiġi parzjalment sodisfatt permezz ta' strumenti ta' dejn mhux subordinat skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u kif permess mill-istandard TLAC. Għal entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' G-SIIs, jew entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' gruppi ta' riżoluzzjoni b'assi 'l fuq minn EUR 100 biljun (banek tal-ogħla grad), u għal entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' gruppi ta' riżoluzzjoni anqas minn EUR 100 biljun li huma kkunsidrati mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni bħala li x'aktarx joħolqu riskju sistematiku fil-każ ta' falliment, b'kont meħud tal-prevalenza tad-depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament, aċċess limitat għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli u dipendenza fuq kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex jiġi ssodisfat l-MREL, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jirrikjedi li parti mill-MREL li tkun ugwali għal-livell ta' assorbiment tat-telf u rikapitalizzazzjoni msemmija fl-Artikoli 27(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 kif emendat minn dan ir-Regolament tkun issodisfata b'fondi proprji u b'obbligazzjonijiet subordinati oħra, inklużi fondi proprji użati għall-konformità mar-rekwiżit ta' riżerva kombinat imsemmi fid-Direttiva 2013/36/UE.

(10) Fuq talba ta' entità ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jnaqqas il-parti tal-MREL meħtieġa li tkun issodisfata b'fondi proprji u b'obbligazzjonijiet subordinati oħra sal-limitu li jirrappreżenta l-proporzjon ta' tnaqqis possibbli skont l-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżit minimu tat-TLAC stipulat f'dak ir-Regolament.Jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jitlob, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, li l-MREL jiġi ssodisfat b'fondi proprji u b'obbligazzjonijiet subordinati oħra sal-punt li l-livell ġenerali tas-subordinazzjoni meħtieġa fil-forma ta' elementi ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli minħabba l-obbligu tal-istituzzjonijiet u l-entitajiet li jikkonformaw mar-rekwiżit minimu tat-TLAC, l-MREL u, fejn applikabbli, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinat skont id-Direttiva 2013/36/UE, ma jkunx ogħla mil-livell ta' assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(7) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 kif emendat minn dan ir-Regolament jew il-formula stabbilita f'dan ir-Regolament ibbażata fuq ir-rekwiżiti prudenzjali tal-Pilastru 1 u l-Pilastru 2 u r-rekwiżit ta' riżerva kombinat.

(11) Għal banek speċifiċi tal-ogħla grad, jenħtieġ li l-Bord, soġġett għall-kondizzjonijiet li għandhom jiġu vvalutati mill-Bord, jillimita l-livell tar-rekwiżit minimu tas-subordinazzjoni għal ċertu limitu massimu, b'kont meħud ukoll tar-riskju possibbli li jkun hemm impatt b'mod sproporzjonat fuq il-mudell tan-negozju ta' dawk l-istituzzjonijiet.

Jenħtieġ li dik il-limitazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jiġi stabbilit rekwiżit ta' subordinazzjoni ogħla minn dan il-limitu permezz tar-rekwiżit tas-subordinazzjoni taħt il-Pilastru 2, soġġett ukoll għall-kondizzjonijiet li japplikaw għall-Pilastru 2, abbażi ta' kriterji alternattivi, jiġifieri impedimenti għar-riżolvibbiltà, jew il-fattibbiltà u l-kredibbiltà tal-istrateġija tar-riżoluzzjoni, jew ir-riskju tal-istituzzjoni.

(12) Jenħtieġ li l-MREL jippermetti li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet jassorbu t-telf mistenni f'riżoluzzjoni jew fil-punt ta' nonvijabbiltà kif xieraq u li jiġu rikapitalizzati wara l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni jew wara r-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-Bord, abbażi tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula minnhom, jiġġustifika kif xieraq il-livell impost tal-MREL u jenħtieġ li jirrieżamina mingħajr dewmien bla bżonn dak il-livell biex jirrifletti kwalunkwe bidla fil-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE. Bħala tali, il-livell impost tal-MREL jenħtieġ li dak il-livell ma jaqbiżx is-somma tal-ammont tat-telf mistenni fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni jew entità u l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti li wara r-riżoluzzjoni jew wara l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni, l-istituzzjoni jew entità tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha meħtieġa sabiex tkun awtorizzata biex tkompli bl-attivitajiet tagħha taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula. Jenħtieġ li l-Bord jaġġusta l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni 'l isfel jew 'il fuq għal kwalunkwe bidla li tirriżulta mill-azzjonijiet stabbiliti fil-pjan ta' riżoluzzjoni.

(13) Jenħtieġ li l-Bord ikun jista' wkoll iżid l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni biex tiġi żgurata fiduċja suffiċjenti tas-suq fl-istituzzjoni jew entità wara l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni. Jenħtieġ li l-livell mitlub tar-riżerva għall-fiduċja tas-suq jippermetti lill-istituzzjoni jew entità li tkompli tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal perijodu xieraq ta' żmien inkluż billi jippermetti lill-istituzzjoni jew entità sabiex tkopri l-ispejjeż relatati mar-ristrutturar tal-attivitajiet tagħha wara r-riżoluzzjoni, u sabiex issostni fiduċja suffiċjenti tas-suq. Ir-riżerva għall-fiduċja tas-suq jenħtieġ li tiġi stabbilita b'referenza għal parti mir-rekwiżit ta' riżerva kombinat skont id-Direttiva 2013/36/UE. Jeħtieġ li l-Bord jaġġusta 'l isfel il-livell tar-riżerva tal-fiduċja tas-suq jekk livell aktar baxx huwa biżżejjed biex tiġi żgurata biżżejjed fiduċja tas-suq jew jeħtieġ li jaġġustaw 'il fuq dak il-livell fejn livell ogħla huwa neċessarju biex ikun żgurat li, wara l-azzjonijiet previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni, l-entità tkompli tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħha għal perijodu xieraq ta' żmien u ssostni fiduċja suffiċjenti tas-suq.

(14) F'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 ([8]), jenħtieġ li l-Bord jeżamina l-bażi ta' investituri tal-istrumenti għall-MREL ta' istituzzjoni jew entità individwali. Jekk parti sinifikanti mill-MREL ta' istituzzjoni tkun miżmuma minn investituri individwali li jaf ma jkunux irċevew indikazzjoni ġusta u prominenti tar-riskji rilevanti, dak jista' minnu nnifsu jkun impediment għar-riżolvibbiltà. Barra minn hekk, jekk parti kbira mill-istrumenti għall-MREL ta' istituzzjoni jew entità tkun miżmuma minn istituzzjonijiet oħra, l-implikazzjoni-jietsistematiċi ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tista' wkoll tkun impediment għar-riżolvibbiltà. Fejn il-Bord isib impediment għar-riżolvibbiltà li jirriżulta mid-daqs u n-natura ta' ċerta bażi ta' investituri, jenħtieġ li huwa jkun jista' jirrakkomanda lil istituzzjoni jew entità biex tindirizza dak l-impediment.

(15) Biex titjieb ir-riżolvibbiltà tagħhom, minbarra r-rekwiżit minimu tat-TLAC previst fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jimponi MREL speċifiku għall-istituzzjoni fuq il-G-SIIs. Jenħtieġ li dak l-MREL speċifiku għall-istituzzjoni jiġi impost jekk ir-rekwiżit minimu tat-TLAC ma jkunx biżżejjed biex jiġi assorbit it-telf u G-SII tiġi rikapitalizzata taħt l-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula.

(16) Meta jiġi stabbilit il-livell ta' MREL, jenħtieġ li l-Bord jikkunsidra l-grad ta' relevanza sistemika ta' istituzzjoni u l-impatt negattiv potenzjali tal-falliment tagħha fuq l-istabbiltà finanzjarja. Jenħtieġ li l-Bord jikkunsidra l-ħtieġa ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-G-SIIs u istituzzjonijiet jew entitajiet oħra paragunabbli li

([8]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1075 tat-23 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l- funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni (ĠU L 184, 8.7.2016, p. 1).

jkollhom relevanza sistemika fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-MREL ta' istituzzjonijiet jew entitajiet li ma jkunux G-SIIs iżda li r-relevanza sistemika tagħhom fi ħdan l-Istati Membri parteċipanti tkun paragunabbli mar-relevanza sistemika tal-G-SIIs ma jvarjax b'mod sproporzjonat mil-livell u l-għamla tal-MREL li ġeneralment ikun stabbilit għal G-SIIs.

(17) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jew entitajiet li huma identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni jkunu soġġetti għall-MREL biss fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni. Dak ifisser li jenħtieġ li l-entitajiet ta' riżoluzzjoni, biex jissodisfaw l-MREL, jkunu obbligati joħorġu strumenti u oġġetti eliġibbli lil kredituri esterni terzi li jkunu soġġetti għal rikapitalizzazzjoni interna fil-każ li l-entità ta' riżoluzzjoni tidħol f'riżoluzzjoni.

(18) L-istituzzjonijiet jew entitajiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jkunu konformi mal-MREL fuq livell individwali. Ġeneralment il-ħtiġijiet ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' dawk l-istituzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti mill-entitajiet ta' riżoluzzjoni rispettivi tagħhom permezz tal-akkwiżizzjoni diretta jew indiretta minn dawk l-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn dawk l-istituzzjonijiet jew entitajiet u permezz tat-tniżżil fil-valur jew il-konverżjoni tagħhom fi strumenti ta' sjieda meta dawk l-istituzzjonijiet jew entitajiet ma jkunux għadhom vijabbli. Bħala tali, huwa meħtieġ li l-MREL applikabbli għal istituzzjonijiet jew entitajiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġi applikat flimkien u b'mod konsistenti mar-rekwiżiti applikabbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni. Dak għandu jippermetti li l-Bord jirriżolvi grupp ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jpoġġi ċerti sussidjarji tiegħu taħt riżoluzzjoni, biex b'hekk jiġu evitati l-effetti potenzjalment ta' tfixkil fis-suq. Jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-MREL għal istituzzjonijiet jew entitajiet li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni tkun konformi mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni magħżula, u b'mod partikolari, jenħtieġ li ma tbiddilx ir-relazzjoni ta' sjieda bejn l-istituzzjonijiet u l-grupp ta' riżoluzzjoni tagħhom wara li dawk l-istituzzjonijiet ikunu ġew rikapitalizzati.

(19) Jekk kemm l-entità ta' riżoluzzjoni jew l-impriża omm kif ukoll is-sussidjarji tagħha jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru u jkunu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jirrinunzja l-applikazzjoni tal-MREL applikabbli għal dawk is-sussidjarji li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jew jippermetti li huma jissodisfaw l-MREL b'garanziji kollateralizzati bejn l-impriża omm u s-sussidjarji tagħha, li jistgħu jiġu skattati meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet ta' twaqqit ekwivalenti għal dawk li jippermettu l-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli. Jenħtieġ li l-kollateral ta' appoġġ għall-garanzija jkun ferm likwidu u jenħtieġ li jkollu riskju minimu ta' kreditu jew tas-suq.

(20) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprevedi li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti ta' solvenza u likwidità għal istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali ('netwerks kooperattivi') fejn jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet speċifiċi. Sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet ta' tali netwerks kooperattivi, jenħtieġ li l-Bord ikun jista' wkoll jirrinunzja l-applikazzjoni tal-MREL li japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu bħal dawn u l-korp ċentrali taħt kondizzjonijiet simili għal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-korp ċentrali huma stabbiliti fl-istess Stat Membru. Jenħtieġ li l-Bord ikun jista' wkoll jittratta l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-korp ċentrali bħala ħaġa waħda meta jivvaluta l-kondizzjonijiet għar-riżoluzzjonijiet skont il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà. Jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jiżgura l-konformità mar-rekwiżit tal-MREL estern tal-grupp ta' riżoluzzjoni kollu b'modi differenti, skont il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà ta' kull grupp, billi jingħaddu l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entitajiet li, f'konformità mal-pjan ta' riżoluzzjoni, huma meħtieġa mill-Bord biex joħorġu strumenti eliġibbli għall-MREL barra l-grupp ta' riżoluzzjoni.

(21) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni u l-Bord jindirizzaw u jirrimedjaw kif xieraq kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu tat-TLAC u tal-MREL. Minħabba li ksur ta' dawk ir-rekwiżiti jista' jikkostitwixxi impediment għar-riżolvibbiltà ta' istituzzjoni jew ta' grupp, jenħtieġ li l-proċeduri eżistenti għat-tneħħija ta' impedimenti għar-riżolvibbiltà jitqassru sabiex kwalunkwe ksur tar-rekwiżiti jiġi indirizzat b'mod espedjenti. Barra minn hekk jenħtieġ li l-Bord ikun jista' jitlob lill-istituzzjonijiet sabiex jimmodifikaw il-profili ta' maturità ta' strumenti u ta' oġġetti eliġibbli u biex iħejju u jimplimentaw pjanijiet biex jirristawraw il-livell ta' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li l-Bord ikun jista' wkoll jipprojbixxi ċertu distribuzzjonijiet meta jqis li istituzzjoni jew entitàma tkunx qed tilħaq ir-rekwiżiti ta' riżerva kombinat taħt id-Direttiva 2013/36/UE meta kkunsidrati flimkien mal-MREL.

(22) Dan ir-Regolament huwa konformi mad-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-propjetà u l-libertà ta' intrapriża, u għandu jiġi applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(23) Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi regoli komuni għall-fini tal-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta dan ir-Regolament, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(24) Sabiex jitħalla żmien xieraq għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiġi applikat mit-28 ta' Diċembru 2020,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 806/2014

Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (21) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(21) 'sussidjarja' tfisser sussidjarja kif definita fil-punt (16) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u għall-finijiet li jiġu applikati l-Artikolu 8, l-Artikolu 10(10), l-Artikoli 12 sa 12k, 21 u 53 ta' dan ir-Regolament għal gruppi ta' riżoluzzjoni msemmija fil-punt (b) tal-punt (24b) ta' dan il-paragrafu, tinkludi, fejn u kif adatt, istituzzjonijiet ta' kreditu li huma affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali, il-korp ċentrali nnifsu, u s-sussidjarji rispettivi tagħhom, b'kont meħud tal-mod kif tali gruppi ta' riżoluzzjoni jikkonformaw mal-Artikolu 12f(3) ta' dan ir-Regolament;

(21a) 'sussidjarja materjali' tfisser sussidjarja materjali kif definita fil-punt (135) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(b) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(24a) 'entità ta' riżoluzzjoni' tfisser persuna ġuridika stabbilita fi Stat Membru parteċipanti li, skont l-Artikolu 8, tiġi identifikata mill-Bord bħala entità li fir-rigward tagħha l-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi għal azzjoni ta' riżoluzzjoni;

(24b) "grupp ta' riżoluzzjoni" tfisser:

(a) entità ta' riżoluzzjoni, flimkien mas-sussidjarji tagħha li mhumiex:

(i) entitajiet ta' riżoluzzjoni minnhom infushom;

(ii) sussidjarji ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni oħrajn; jew

(iii) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz li mhumiex inklużi fil-grupp ta' riżoluzzjoni taħt il-pjan ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħhom; jew

(b) istituzzjonijiet ta' kreditu li huma affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali u l-korp ċentrali stess meta għall-inqas waħda minn dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew il-korp ċentrali jkunu entità ta' riżoluzzjoni, u s-sussidjarji rispettivi tagħhom;

(24c) "istituzzjoni dinjija ta' importanza sistemika" jew "G-SII" tfisser G-SII kif definita fil-punt (133) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(c) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(45a) "kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni" tfisser kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;";

(d) fil-punt (48), il-kliem "obbligazzjonijiet eliġibbli" huma sostitwiti mill-kliem "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna";

(e) il-punt (49) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(49) "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna" tfisser obbligazzjonijiet u strumenti kapitali li ma jikkwalifikawx bħala strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew bħala strumenti addizzjonali tal-Grad 1 jew tal-Grad 2 ta' entità msemmija fl-Artikolu 2 u li mhumiex esklużi mill-ambitu tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(3);";

(f) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(49a) "obbligazzjonijiet eliġibbli" tfisser obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna li jissodisfaw, kif applikabbli, il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 12c jew tal-punt (a) tal-Artikolu 12g(2) ta' dan ir-Regolament, u strumenti tal-Grad 2 li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 72a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(49b) "strumenti eliġibbli subordinati" tfisser strumenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ħlief għall-paragrafi (3) sa (5) tal-Artikolu 72b ta' dak ir-Regolament;";

(g) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(55) "rekwiżit ta' riżerva kombinata" tfisser rekwiżit ta' riżerva kombinata kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(2) fl-Artikolu 7(3), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) it-twaqqif tal-livell tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, skont l-Artikoli 12 sa 12k;".

(3) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jistabbilixxi alternattivi għall-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u għall-eżerċitar tas-setgħat ta' riżoluzzjoni msemmija f'dan ir-Regolament għall-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.";

(b) l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paragrafu 6 ġew sostitwiti b'dan li ġej:

"Il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jipprevedi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li l-Bord jista' jieħu meta entità msemmija fil-paragrafu 1 tissodisfa l-kondizzjonijiet għal riżoluzzjoni.

L-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 9 għandha tiġi żvelata lill-entità kkonċernata.";

(c) fil-paragrafu 9, il-punti (o) u (p) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(o) ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12f u 12g u skadenza għall-ilħuq ta' dak il-livell, f'konformità mal-Artikolu 12k;

(p) fejn il-Bord japplika l-Artikolu 12c(4), (5), jew (7), skeda ta' żmien għall-konformità mill-entità ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 12k;";

(d) il-paragrafu 10 ġie sostitwit b'dan li ġej:

"10. Il-pjanijiet ta' riżoluzzjoni tal-grupp għandhom jinkludu pjan għar-riżoluzzjoni tal-grupp imsemmi fil-paragrafu 1, immexxija mill-impriża omm tal-Unjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti u għandhom jidentifikaw miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta':

(a) l-impriża omm tal-Unjoni;

(b) is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jkunu stabbiliti fl-Unjoni;

(c) l-entitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2; u

(d) soġġett għall-Artikolu 33, is-sussidjarji li huma parti mill-grupp u li jkunu stabbiliti barra mill-Unjoni.

Skont il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-pjan ta' riżoluzzjoni għandu jidentifika għal kull grupp l-entitajiet ta' riżoluzzjoni u l-gruppi ta' riżoluzzjoni.";

(e) fil-paragrafu 11, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) jistabbilixxi l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu għal entitajiet ta' riżoluzzjoni fix-xenarji msemmija fil-paragrafu 6 u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entitajiet oħra tal-grupp, tal-impriża omm u tal-istituzzjonijiet sussidjarji msemmija fil-paragrafu 1;

(aa) fejn grupp imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, jistabbilixxi azzjonijiet ta' riżoluzzjoni li għandhom jittieħdu għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni u l-implikazzjonijiet ta' dawk l-azzjonijiet fuq dawn it-tnejn li ġejjin:

(i) entitajiet oħra tal-grupp li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(ii) gruppi oħra ta' riżoluzzjoni;

(b) jeżamina sa liema punt l-għodod ta' riżoluzzjoni jistgħu jiġu applikati, u s-setgħat ta' riżoluzzjoni eżerċitati, fir-rigward ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Unjoni b'mod koordinat, inklużi miżuri biex jiġi ffaċilitat ix-xiri minn parti terza tal-grupp sħiħ, jew ta' linji operatorji jew attivitajiet separati ta' negozju li huma fornuti minn għadd ta' entitajiet tal-grupp, jew ta' entitajiet partikolari tal-grupp jew gruppi ta' riżoluzzjoni, u jiġi identifikat kwalunkwe impediment potenzjali għal riżoluzzjoni koordinata;";

(f) fil-paragrafu 12 jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

"Ir-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jitwettaq wara l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 21.

Meta jistabbilixxi l-iskadenzi msemmija fil-punti (o) u (p) tal-paragrafu 9 ta'dan l-Artikolu, fiċ-ċirkostanzi msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord għandu jieħu kont tal-iskadenza għall-konformità mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104b tad-Direttiva 2013/36/UE.";

(4) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Grupp għandu jitqies bħala riżolvibbli jekk ikun fattibbli u kredibbli għall-Bord li jew iwettaq stralċ tal-entitajiet tal-grupp skont proċedimenti normali ta' insolvenza jew li jirriżolvihom billi japplika għodod ta' riżoluzzjoni għal, u jeżerċita setgħat ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta', entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' dak il-grupp filwaqt li, sa fejn ikun possibbli, tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva sinifikanti għas-sistemi finanzjarji tal-Istati Membri li fihom ikunu jinsabu entitajiet tal-grupp, jew ta' Stati Membri oħrajn jew tal-Unjoni, inklużi instabilità finanzjarja usa' jew avvenimenti mifruxa mas-sistema kollha, bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi mwettqa minn dawk l-entitajiet tal-grupp, meta jistgħu jiġu faċilment separati f'ħin opportun jew b'mezzi oħrajn.

Il-Bord għandu jinnotifika lill-EBA f'ħin opportun fejn il-Bord iqis li l-grupp mhuwiex riżolvibbli.

Fejn grupp ikun magħmul minn aktar minn grupp wieħed ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu jivvaluta r-riżolvibbiltà ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni skont dan l-Artikolu.

Il-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha ssir flimkien mal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tal-grupp kollu.";

(b) fil-paragrafu 9 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-entità għandha, fi żmien ġimagħtejn mid-data tar-riċezzjoni ta' rapport magħmul f'konformità mal-Paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, tipproponi lill-Bord miżuri possibbli u skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom sabiex jiġi żgurat li l-entità jew l-impriża omm tkun konformi mal-Artikolu 12f jew 12g, u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata, fejn impediment sostantiv għar-riżolvibbiltà huwa dovut għal xi waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) l-entità tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament, meta kkalkulat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2) ta' dan ir-Regolament; jew

(ii) l-entità ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 92a u 494 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament.

Meta tipproponi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni ta' miżuri msemmija fit-tieni subparagrafu, l-entità għandha tieħu kont tar-raġunijiet għall-impediment sostantiv. Il-Bord, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, għandu jivvaluta jekk dawk il-miżuri effettivament jindirizzawx jew ineħħux l-impediment sostantiv inkwistjoni.";

(c) il-paragrafu 11 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punti (i) u (j), il-kliem "Artikolu 12" huma sostitwiti mill-kliem "Artikoli 12f u l-Artikolu 12g";

(ii) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(k) li jeħtieġu li l-entità tissottometti pjan biex tirristawra l-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 12f u 12g ta' dan ir-Regolament, espress bħala perċentwal tal-iskopertura totali tar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u, fejn applikabbli, mar-rekwiżit ta' riżerva kombinata u mar-rekwiżiti tal-Artikolu 12f jew 12g ta' dan ir-Regolament espressi bħala perċentwal tal-miżura tal-iskopertura totali msemmija fl-Artikoli 429 u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(l) għall-iskop li tiġi żgurata konformità kontinwa mal-Artikolu 12f jew 12g, sabiex entità tintalab tibdel il-profil ta' maturità ta':

(i) strumenti ta' fondi proprji, wara li tkun kisbet il-qbil tal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, u

(ii) obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 12c u l-punt (a) tal-Artikolu 12g(2).";

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 10a*

Setgħa għall-projbizzjoni ta' ċerti distribuzzjonijiet

1. Fejn entità tkun f'sitwazzjoni fejn tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien ma' kull wieħed mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 141a(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, iżda ma tonqos milli tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva kombinata meta kkunsidrat flimkien mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament meta kkalkulat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2) ta' dan ir-Regolament, il-Bord għandu jkollu s-setgħa, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, li jipprojbixxi entità milli tiddistribwixxi aktar mill-Ammont Massimu Distribwibbli relatat mar-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli ("M-MDA") ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu permezz ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) jagħmel distribuzzjoni b'rabta mal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(b) joħloq obbligu li jitħallsu rimunerazzjoni varjabbli jew benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni jew titħallas rimunerazzjoni varjabbli jekk l-obbligu ta' ħlas ikun inħoloq fi żmien meta l-entità tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinati;

(c) jagħmel pagamenti fuq strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali.

Meta entità tkun fis-sitwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, hija għandha tinnotifika immedjatament l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni u lill-Bord dwar dan.

2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE fejn applikabbli, għandu jivvaluta mingħajr dewmien bla bżonn jekk għandux jeżerċita s-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 filwaqt li jieħu kont tal-elementi li ġejjin kollha:

(a) ir-raġuni, it-tul ta' żmien u d-daqs tan-nuqqas u l-impatt tiegħu fuq ir-riżolvibbiltà;

(b) l-iżvilupp tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-entità u l-probabbiltà li, fil-futur prevedibbli, din tissodisfa l-kondizzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 18(1);

(c) il-prospett li l-entità ser tkun tista' tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien raġonevoli;

(d) meta l-entità ma tkunx tista' tissostitwixxi l-obbligazzjonijiet li ma għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà jew ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 12c jew l-Artikolu 12g(2) ta' dan ir-Regolament, jekk dik l-inkapaċità hija idjosinkratika jew minħabba tfixkil fis-suq kollu

(e) jekk l-eżerċizzju tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 ikunx l-aktar mezz adegwat u proporzjonat biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tal-entità, b'kont meħud tal-impatt potenzjali tiegħu kemm fuq il-kondizzjonijiet ta' finanzjament kif ukoll fuq ir-riżolvibbiltà tal-entità kkonċernata.

Il-Bord għandu jirrepeti l-valutazzjoni tiegħu dwar jekk għandux jeżerċita s-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 mill-inqas kull xahar sakemm l-entità tkompli tkun fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. Jekk il-Bord iqis li l-entità tkun għadha fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien disa' xhur wara li sitwazzjoni bħal din tkun ġiet innotifikata mill-entità, il-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, għandu jeżerċita s-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 ħlief fejn il-Bord iqis, wara valutazzjoni, li jiġu ssodisfati tal-anqas tnejn mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) in-nuqqas huwa dovut għal tfixkil serju għall-funzjonament tas-swieq finanzjarji, li jwassal għal stress estensiv tas-suq finanzjarju fost diversi segmenti tas-swieq finanzjarji;

(b) it-tfixkil imsemmi fil-punt (a) mhux biss jirriżulta f'volatilità akbar fil-prezz tal-istrumenti ta' strumenti ta' fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità jew spejjeż akbar għall-entità, iżda jwassal ukoll għal għeluq sħiħ jew parzjali tas-swieq li jżomm l-entità milli toħroġ strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'dawk is-swieq;

(c) l-għeluq tas-suq imsemmi fil-punt (b) jiġi osservat mhux biss għall-entità kkonċernata, iżda wkoll għal diversi entitajiet oħra;

(d) it-tfixkil imsemmi fil-punt (a) jipprevjeni l-entità kkonċernata milli toħroġ strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'volum suffiċjenti sabiex tirrimedja n-nuqqas;

(e) eżerċizzju tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 1 twassal għal effetti konsegwenzjali għal parti mis-settur bankarju, li b'hekk potenzjalment jimminaw l-istabbiltà finanzjarja.

Meta tiġi applikata l-eċċezzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord għandu jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti, inkluż lill-BĊE fejn applikabbli, bid-deċiżjoni tiegħu u jispjega l-valutazzjoni tiegħu bil-miktub.

Kull xahar, il-Bord għandu jirrepeti l-valutazzjoni tiegħu jekk hijiex applikabbli l-eċċezzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

4. L-"M-MDA" għandu jiġi applikat billi tiġi mmultiplikata s-somma kkalkulata skont il-paragrafu 5 bil-fattur iddeterminat skont il-paragrafu 6. L-"M-MDA" għandu jitnaqqas bi kwalunkwe ammont riżultanti minn kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1.

5. Is-somma li tkun immultiplikata skont il-paragrafu 4 għandha tikkonsisti fi:

(a) profitti interim mhux inklużi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 netti minn kwalunkwe distribuzzjoni ta' profitti jew kwalunkwe ħlas riżultanti mill-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

magħduda ma'

(b) kwalunkwe profitt ta' tmiem is-sena mhux inkluż fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, nett minn kwalunkwe distribuzzjoni ta' profitti jew kwalunkwe ħlas riżultanti mill-azzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

li minnhom jitnaqqsu

(c) l-ammonti li jkunu pagabbli bħala taxxa li kieku kellhom jinżammu l-entrati speċifikati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

6. Il-fattur imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) meta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill-entità li ma jintużax biex jissodisfa ebda wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun fl-ewwel kwart (jiġifieri, fl-aktar wieħed baxx) tar-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinat, il-fattur għandu jkun 0;

(b) meta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill-entità li ma jintużax biex jissodisfa ebda wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament, espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun fit-tieni kwart tar-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinat, il-fattur għandu jkun 0,2;

(c) meta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill- entità li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 12d u 12e, espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun fit-tielet kwart tar-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinat, il-fattur għandu jkun 0,4;

(d) meta l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni miżmum mill-entità li ma jintużax biex jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-Artikoli 12d u 12e ta' dan ir-Regolament, espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ikun fir-raba' kwart (jiġifieri, fl-oġħla wieħed) tar-rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kombinat, il-fattur għandu jkun 0,6;

Il-livelli inferjuri u superjuri ta' kull kwart tar-rekwiżit ta' riżerva għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$\text{Lower bound of quartile} = \frac{\text{Combined buffer requirement}}{4} \times (Q_n - 1)$$

$$\text{Upper bound of quartile} = \frac{\text{Combined buffer requirement}}{4} \times Q_n$$

fejn "Q_n" = in-numru ordinali tal-kwart ikkonċernat.";

(6) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dawn li ġejjin:

"*Artikolu 12*

Rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Il-Bord għandu, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż mal-BĊE, jiddetermina r-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 12a sa 12i, soġġett għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni, li huma meħtieġa li jiġu sodisfatti f'kull ħin mill-entitajiet u l-gruppi msemmija fl-Artikolu 7(2) u mill-entitajiet u gruppi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(4) u fl-Artikolu 7(5) meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn il-paragrafi.

2. L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, inklużi entitajiet li jagħmlu parti minn gruppi, għandhom jirraportaw l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45i(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2014/59/UE lill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali tal-Istat Membru parteċipanti li huma stabbiliti fih.

L-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandha tibgħat l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Bord mingħajr dewmien bla bżonn.

3. Meta jabbozzaw pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 9, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 12a sa 12i, soġġett għas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni, li huma meħtieġa li jiġu sodisfatti f'kull ħin mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 7(3). F'dak ir-rigward għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31.

4. Il-Bord għandu jieħu kwalunkwe determinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'mod parallel mal-iżvilupp u maż-żamma tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 8.

5. Il-Bord għandu jindirizza d-determinazzjoni tiegħu lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jimplimentaw l-istruzzjonijiet tal-Bord skont l-Artikolu 29. Il-Bord għandu jitlob li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali jivverifikaw u jiżguraw li entitajiet u gruppi jżommu r-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. Il-Bord għandu jinforma lill-BĊE u lill-EBA bir-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li jkun iddetermina għal kull entità u grupp taħt il-paragrafu 1.

7. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u konsistenti ta' dan l-Artikolu, il-Bord għandu joħroġ linji gwida u jindirizza istruzzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni dwar entitajiet jew gruppi speċifiċi.

Artikolu 12a

L-applikazzjoni u l-kalkolu tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Il-Bord u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali għandhom jiżguraw li l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) u (3) jissodisfaw, f'kull ħin, ir-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli fejn dan ikun meħtieġ minn, u f'konformità ma', dan l-Artikolu u l-Artikolu 12b sa 12i.

2. Dan ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 12d(3), (4), jew (6), kif applikabbli, bħala l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli u jiġi espress bħala perċentwal ta':

(a) l-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(b) il-miżura tal-iskopertura totali tar-riskju tal-entità rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 429 u 429a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Artikolu 12b

Eżenzjoni mir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Minkejja l-Artikolu 12a, il-Bord għandu jeżenta mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12a(1) lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju ffinanzjati minn bonds koperti li, mhumiex permessi jirċievu depożiti taħt il-liġi nazzjonali, sakemm il-kondizzjonijiet kollha segwenti jkunu sodisfatti:

(a) dawk l-istituzzjonijiet ser jiġu stralċjati fi proċedimenti nazzjonali ta' insolvenza jew f'tipi oħra ta' proċedimenti stabbiliti għal dawk l-istituzzjonijiet u implimentati skont l-Artikoli 38, 40 jew 42 tad-Direttiva 2014/59/UE; u

(b) il-proċedimenti msemmija fil-punt (a) jiżguraw li l-krediturі ta' dawk l-istituzzjonijiet, inklużi d-detenturi ta' bonds koperti, fejn rilevanti, iġarrbu telf b'mod li jilħaq l-objettivi tar-riżoluzzjoni.

2. L-istituzzjonijiet li huma eżentati mir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 12(1) ma għandhomx ikunu parti mill-konsolidazzjoni msemmija fl-Artikolu 12f(1).

Artikolu 12c

Obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni

1. Obbligazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fl-ammont tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni biss meta dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli li ġejjin tar-Regolament (UE) Nru 575/2013:

(a) l-Artikolu 72a;

(b) l-Artikolu 72b, bl-eċċezzjoni tal-punt (d) tal-paragrafu 2; u

(c) Artikolu 72c.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fil-każ li dan ir-Regolament jirreferi għar-rekwiżiti fl-Artikolu 92a jew l-Artikolu 92b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l- għall-fini ta' dawk l-Artikoli, l-obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jikkonsistu f'obbligazzjonijiet eliġibbli kif definiti fl-Artikolu 72k ta' dak ir-Regolament u jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu 5a tat-Titolu I tal-Parti II ta' dak ir-Regolament.

2. Obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn strumenti tad-dejn b'derivattivi inkorporati, bħal noti strutturati, li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, ħlief għall-punt (l) tal-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, għandhom jiġu inklużi biss fl-ammont ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli meta tiġi ssodisfata xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont prinċipali tal-obbligazzjoni li tirriżulta mill-istrument tad-dejn ikun magħruf fil-mument tal-ħruġ, ikun fiss jew qed jiżdied u mhux affettwat minn karatteristika ta' derivattiv inkorporat, u l-ammont totali tal-obbligazzjoni li tirriżulta mill-istrument tad-dejn, inkluż id-derivattiv inkorporat, jistgħu jiġu vvalutati fuq bażi ta' kuljum b'referenza għal suq bidirezzjonali attiv u likwidu għal strument ekwivalenti mingħajr riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 104 u 105 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; jew

(b) l-istrument tad-dejn jinkludi terminu kuntrattwali li jispeċifika li l-valur tal-pretensjoni f'każijiet kemm ta' insolvenza tal-emittent kif ukoll tar-riżoluzzjoni tal-emittent huwa fiss jew jiżdied, u ma jeċċedix l-ammont inizjalment imħallas totalment tal-obbligazzjoni.

L-istrumenti tad-dejn imsemmija fl-ewwel subparagrafu, inkluż id-derivattivi inkorporati tagħhom, m'għandhomxikunu soġġetti għal xi ftehim ta' netting u l-valutazzjoni ta' tali strumenti m'għandhiex tkun soġġetta għall-Artikolu 49(3) tad-Direttiva 2014/59/UE.

L-obbligazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu inklużi biss fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli fir-rigward tal-parti tal-obbligazzjoni li tikkorrispondi għall-ammont prinċipali msemmi fil-punt (a) ta' dak is-subparagrafu jew għall-ammont fiss jew li qed jiżdied imsemmi fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu.

3. Fejn jinħarġu obbligazzjonijiet minn sussidjarja stabbilita fl-Unjoni għal xi azzjonist eżistenti li ma jkunx parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni, u dik is-sussidjarja tkun parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħall-entità ta' riżoluzzjoni, dawk l-obbligazzjonijiet għandhom jiġu inklużi fl-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' dik l-entità ta' riżoluzzjoni dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jinħarġu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12g(2);

(b) l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni fir-rigward ta' dawk l-obbligazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 21 ma jaffettwax il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni;

(c) dawk l-obbligazzjonijiet ma jaqbżux ammont determinat mit-tnaqqis:

(i) is-somma tal-obbligazzjonijiet maħruġa lil u mixtrija mill-entità ta' riżoluzzjoni jew direttament inkella indirettament permezz ta' entitajiet oħra fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni u l-ammont ta' fondi proprji maħruġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12g(2) minn

(ii) l-ammont meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 12g(1).

4. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit minimu fl-Artikolu 12d(4) u fil-punt (a) tal-Artikolu 12e(1), il-Bord, fuq inizjattiva proprja tiegħu wara li jkun ikkonsulta mal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew fuq proposta minn awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, għandu jiżgura li parti mir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f daqs 8 % tal-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, għandha tiġi ssodisfata minn entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma GSIIs jew entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma soġġetti għall-Artikolu 12d(4) jew (5) bl-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati, jew obbligazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Bord jista' jippermetti li livell aktar baxx minn 8 % tal-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, tal-entità ta' riżoluzzjoni iżda ogħla mill-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formula (1-X1/X2) × 8 % tal-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, għandu jiġi ssodisfat minn entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma GSIIs jew entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma soġġetti għall-Artikolu 12d(4) jew (5) bl-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati jew obbligazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, dment li jkunu ssodisfati kollha l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 72b(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, fejn, fid-dawl tat-tnaqqis li huwa possibbli skont l-Artikolu 72b(3) ta' dak ir-Regolament:

X1 = 3.5 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

X2 = l-ammont li jirriżulta mis-somma ta' 18 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-ammont tar-rekwiżit ta' riżerva kombinata.

Għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma soġġetti għall-Artikolu 12d(4), fejn l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu twassal għal rekwiżit 'il fuq minn 27 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju għall-entità ta' riżoluzzjoni kkonċernata, il-Bord għandu jillimita l-parti tar-rekwiżit imsemmija fl-Artikolu 12f li għandha tiġi ssodisfata bl-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati, jew obbligazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal ammont daqt 27 % tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju jekk il-Bord ikun ivvaluta li:

(a) l-aċċess għall-Fond mhux meqjus bħala opzjoni biex tiġi riżolta dik l-entità ta' riżoluzzjoni fil-pjan ta' riżoluzzjoni; u

(b) fejn il-punt (a) ma japplikax, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f jippermetti dik l-entità ta' riżoluzzjoni tissodisfa r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 27(7).

Meta jagħmel il-valutazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu, il-Bord għandu jqis ukoll ir-riskju ta' impatt sproporzjonat fuq il-mudell kummerċjali tal-entità ta' riżoluzzjoni kkonċernata.

Għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għall-Artikolu 12d(5), it-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma japplikax.

5. Għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li la huma GSIIs u lanqas ma huma entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għall-Artikolu 12d(4) jew (5), il-Bord, jew fuq inizjattiva proprja tiegħu wara li jikkonsulta mal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew fuq proposta minn awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni, jista' jiddeċiedi li parti mir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f sal-ogħla waħda mit-8 % tal-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, tal-entità u l-formula msemmija fil-paragrafu 7 ta'dan l-Artikolu, għandha tiġi ssodisfata permezz tal-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati, jew obbligazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet mhux subordinati msemmija fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-Artikolu għandhom l-istess klassifikazzjoni prijoritarja fil-ġerarkija nazzjonali tal-insolvenza bħal ċerti obbligazzjonijiet li huma eskluži mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni skont l-Artikolu27(3) jew l-Artikolu 27(5);

(b) jeżisti r-riskju li, bħala riżultat ta' applikazzjoni ppjanata ta' setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni lil obbligazzjonijiet mhux subordinati li mhumiex eskluži mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni skont l-Artikolu 27(3) jew l-Artikolu 27(5), krediturі li l-pretensjonijiet tagħhom jirriżultaw minn dawk l-obbligazzjonijiet iġarrbu telf ikbar milli kieku jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti normali ta' insolvenza;

(c) l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet subordinati oħra ma jaqbiżx l-ammont meħtieġ biex jiġi żgurat li l-krediturі msemmija fil-punt (b) ma għandhomx iġarrbu telf 'il fuq mil-livell tat-telf li altrimenti kienu jġarrbu fi stralċ taħt proċedimenti normali ta' insolvenza.

Fejn il-Bord jiddetermina li, fi ħdan klassi ta' obbligazzjonijiet li tinkludi obbligazzjonijiet eliġibbli, l-ammont tal-obbligazzjonijiet li huma eskluži jew hemm raġunijiet biex x'aktarx jiġu eskluži mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni skont l-Artikoli 27(3) jew 27(5), jammonta għal iktar minn 10 % ta' dik il-klassi, il-Bord għandu jivvaluta r-riskju msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 4, 5, u 7, l-obbligazzjonijiet derivattivi għandhom jiġu inklużi fl-obbligazzjonijiet totali, fuq il-bażi li jingħata rikonoxximent sħiħ lid-drittijiet ta' nettjar tal-kontroparti.

Il-fondi proprji ta' entità ta' riżoluzzjoni użati biex tikkonforma mar-rekwiżit ta' riżerva kombinata għandhom ikunu eliġibbli għal konformità mar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 7.

7. B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Bord jista' jiddeċiedi li r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f ta' dan ir-Regolament għandu jiġi ssodisfat minn entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma GSIIs jew entitajiet ta' riżoluzzjoni soġġetti għall-Artikolu 12d(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament bl-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati, jew obbligazzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, sa fejn, minħabba l-obbligu tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' riżerva kombinata msemmija fl-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 12d(4) u l-Artikolu 12f ta' dan ir-Regolament, is-somma ta' dawk il-fondi proprji, strumenti u obbligazzjonijiet ma taqbiżx l-ogħla minn:

(a) 8 % tal-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, tal-entità; jew

(b) l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-formola A × 2 + B × 2 + C, fejn A, B u C huma l-ammonti li ġejjin:

A = l-ammont li jirriżulta mir-rekwiżit imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

B = l-ammont li jirriżulta mir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE;

C = l-ammont li jirriżulta mir-rekwiżit ta' riżerva kombinata.

8. Il-Bord jista' jeżerċita s-setgħa msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma G-SIIs jew li huma soġġetti għall-Artikolu 12d(4) jew (5), li jissodisfaw waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a), (b) jew (c) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sa limitu ta' 30 % tan-numru totali tal-entitajiet ta' riżoluzzjoni kollha li huma G-SIIs jew li huma soġġetti għall-Artikolu 12d (4) jew (5) li għalihom il-Bord jiddetermina r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f.

Il-kondizzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati mill-Bord kif ġej:

(a) fejn ġew identifikati impedimenti sostantivi għar-riżolvibbiltà fil-valutazzjoni preċedenti tar-riżolvibbiltà, u jew:

(i) ma ttieħdet ebda azzjoni ta' rimedju wara l-applikazzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 10(11) fl-iskeda ta' żmien mitluba mill-Bord, jew

(ii) l-impediment sostantiv identifikat ma jistax jiġi indirizzat minn kwalunkwe waħda mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 10(11), u l-eżerċizzju tas-setgħa msemmija fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu jkun jikkumpensa parzjalment jew kompletament għall-impatt negattiv ta' impediment sostantiv dwar ir-riżolvibbiltà;

(b) il-Bord iqis li l-fattibbiltà u l-kredibbiltà tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni ppreferuta tal-entità ta' riżoluzzjoni hija limitata, b'kont meħud tad-daqs tal-entità, l-interkonnettività, in-natura, l-ambitu, ir-riskju u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, l-istatus ġuridiku tagħha u l-istruttura tal-parteċipazzjoni azzjonarja tagħha; jew

(c) ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE jirrifletti l-fatt li l-entità ta' riżoluzzjoni li hija G-SII jew li hija soġġetta għall-Artikolu 12d(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament hija, f'termini ta stat ta' riskju, fost l-ogħla 20 % tal-istituzzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-Bord jiddetermina r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a (1) ta' dan ir-Regolament.

Għall-finijiet tal-perċentwali msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu, il-Bord għandu jżid in-numru li jirriżulta mill-kalkolu sal-eqreb numru sħiħ.

9. Wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, il-Bord għandu jieħu d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 5 jew 7.

Meta jkun qed jieħu dawk id-deċiżjonijiet, il-Bord għandu jqis ukoll:

(a) il-profondità tas-suq għall-istrumenti ta' fondi proprji tal-entità ta' riżoluzzjoni u strumenti eliġibbli subordinati, l-ipprezzar ta' tali strumenti, u l-ħin meħtieġ biex titwettaq kwalunkwe transazzjoni meħtieġa għall-fini ta' konformità mad-deċiżjoni;

(b) l-ammont ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 b'maturità residwa ta' inqas minn sena mid-data tad-deċiżjoni bil-ħsieb li jsiru aġġustamenti kwantitattivi għar-rekwiżiti imsemmija fil-paragrafi 5 u 7 ta' dan l-Artikolu;

(c) id-disponibbiltà u l-ammont ta' strumenti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ħlief għall-punt (d) tal-Artikolu 72b(2) ta' dak ir-Regolament;

(d) jekk l-ammont ta' obbligazzjonijiet eskluži mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni f'konformità mal-Artikolu 27(3) jew (5) li, fi proċedimenti ta' insolvenza normali, jikklassifikaw fl-istess livell ta' jew taħt l-obbligazzjonijiet eliġibbli bl-ogħla klassifikazzjoni jkun sinifikanti meta mqabbel mal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità ta' riżoluzzjoni. Fejn l-ammont ta' obbligazzjonijiet eskluži ma jaqbiżx 5 % tal-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli tal-entità ta' riżoluzzjoni, l-ammont eskluż għandu jitqies bħala li mhux sinifikanti. 'Il fuq minn dak il-limitu, is-sinifikat tal-obbligazzjonijiet eskluži għandu jiġi vvalutat mill-Bord.

(e) il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament, u l-profil ta' riskju tal-entità ta' riżoluzzjoni, kif ukoll l-istabbiltà u l-ħila tagħha li tikkontribwixxi għall-ekonomija; u

(f) l-impatt ta' spejjeż ta' ristrutturar possibbli fuq ir-rikapitalizzazzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 12d

Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi ddeterminat mill-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-grupp ta' riżoluzzjoni jista' jiġi riżolt bl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni inkluż, fejn ikun il-każ, l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna, b'mod li jintlaħqu l-objettivi tar-riżoluzzjoni;

(b) il-ħtieġa li jiġi żgurat, fejn adatt, li l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħhom li huma istituzzjonijiet, jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) u (3) iżda mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom fondi proprji suffiċjenti u obbligazzjonijiet eliġibbli biex jiżguraw li, jekk l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jew is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni, rispettivament, kellhom jiġu applikati għalihom, it-telf ikun jista' jiġi assorbit u u li l-proporzjoni kapitali totali u, skont ma jkun applikabbli, il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-entitajiet rilevanti jistgħu jiġu ristawrati għal livell meħtieġ biex ikunu jistgħu jkomplu jkunu konformi mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u biex iwettqu l-attivitajiet li għalihom ikunu awtorizzati skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

(c) il-ħtieġa li jiġi żgurat li, jekk il-pjan ta' riżoluzzjoni jantiċipa li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jistgħu jiġu esklużi minn rikapitalizzazzjoni interna skont l-Artikolu 27(5) ta' dan ir-Regolament jew jistgħu jiġu kompletament trasferiti lil riċevitur taħt trasferiment parzjali, l-entità ta' riżoluzzjoni jkollha fondi proprji suffiċjenti u obbligazzjonijiet eliġibbli oħra biex tassorbi t-telf u tirrestawra l-proporzjon kapitali totali u, skont ma jkun applikabbli, il-proporzjon ta' ingranaġġ għal livell neċessarju sabiex tkun tista' tkompli tikkonforma mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u biex tkompli bl-attivitajiet li hija awtorizzata għalihom skont id-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

(d) id-daqs, il-mudell kummerċjali, il-mudell ta' finanzjament u l-profil ta' riskju tal-entità;

(e) il-punt sa liema l-falliment tal-entità jkollu effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja, inkluż permezz tal-kontaġju fuq istituzzjonijiet jew entitajiet oħra, minħabba l-interkonnessjoni tal-entità ma' istituzzjonijiet jew entitajiet oħra jew mal-bqija tas-sistema finanzjarja.

2. Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li għandha tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni jew li għandhom jiġu applikati setgħat ta' valutazzjoni negattiva u ta' konverżjoni fir-rigward ta' strumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21 f'konformità max-xenarju rilevanti msemmi fl-Artikolu 8(6), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jkun ugwali għal ammont suffiċjenti biex jiġi żgurat li:

(a) it-telf li hija mistennija ġġarrab l-entità jiġi kompletament assorbit ("assorbiment tat-telf");

(b) l-entità ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tagħha li huma istituzzjonijiet jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) jew (3) iżda mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni jiġu rikapitalizzati għal livell neċessarju sabiex ikunu jistgħu jkomplu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u jwettqu l-attivitajiet li għalihom huma awtorizzati taħt id-Direttiva 2013/36/UE, id-Direttiva 2014/65/UE jew att leġislattiv ekwivalenti għal perjodu xieraq li mhuwiex itwal minn sena ("rikapitalizzazzjoni").

Fejn il-pjan ta' riżoluzzjoni jipprovdi li l-entità għandha tiġi stralċjata taħt proċedimenti ta' insolvenza normali jew proċeduri nazzjonali ekwivalenti oħra, il-Bord għandu jivvaluta jekk hux ġustifikat li r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal dik l-entità jiġi limitat biex ma jaqbiżx ammont suffiċjenti sabiex jiġi assorbit it-telf skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

Il-valutazzjoni mill-Bord għandha, b'mod partikolari, tevalwa l-limitu msemmi fit-tieni subparagrafu fir-rigward ta' kwalunkwe impatt possibbli fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq ir-riskju ta' kontaġju għas-sistema finanzjarja.

3. Fil-każ ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jkun dan li ġej:

(a) bil-għan li jiġi kkalkulat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1), f'konformità mal-punt a) tal-Artikolu 12a(2), is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li jrid jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżiti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità ta' riżoluzzjoni fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni li jirristawra l-konformità mar-rekwiżit ta' proporzjon ta' kapital totali tiegħu msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta; u

(b) bil-għan li jiġi kkalkulat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1), f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit fir-riżoluzzjoni li jikkorrispondi għar-rekwiżit ta' proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità ta' riżoluzzjoni msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-grupp ta' riżoluzzjoni li jirriżulta minn riżoluzzjoni li jirristawra l-konformità mar-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fil-livell konsolidat tal-grupp ta' riżoluzzjoni wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress f'termini perċentwali bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu diviż bl-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress f'termini perċentwali bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, diviż bil-mi'ura tal-iskopertura totali.

Meta jkun qed jistabbilixxi r-rekwiżit individwali provdut fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord għandu jqis ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 27(7).

Meta jkun qed jistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni msemmija fis-subparagrafi preċedenti, il-Bord għandu:

(a) juża l-valuri l-aktar reċenti rrappurtati għall-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju jew il-miżura tal-iskopertura totali rilevanti, aġġustati għall-kwalunkwe bidla li tirriżulta mill-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni; u

(b) wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jaġġusta 'l isfel jew 'il fuq l-ammont li jikkorrispondi għar-rekwiżit attwali msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiddetermina r-rekwiżit applikabbli għall-entità ta' riżoluzzjoni wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta.

Il-Bord għandu jkun jista' jżid ir-rekwiżit previst fil-punt (a)(ii) tal-ewwel subparagrafu b'ammont xieraq meħtieġ biex jiġi żgurat li, wara r-riżoluzzjoni, l-entità hija kapaċi żżomm fiduċja suffiċjenti tas-suq għal perijodu xieraq li ma għandux jaqbeż sena.

Fejn japplika s-sitt subparagrafu ta' dan l-Artikolu, l-ammont imsemmi f'dak is-subparagrafu għandu jkun fl-istess livell tar-rekwiżit ta' riżerva kombinata li għandu japplika wara l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni, bit-tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-ammont imsemmi fis-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun aġġustat 'l isfel jekk, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, il-Bord jiddetermina li jkun fattibbli u kredibbli li ammont aktar baxx huwa suffiċjenti biex tinżamm il-fiduċja tas-suq u tiġi żgurata kemm il-provvista kontinwa ta' funzjonijiet ekonomiċi kritiċi mill-istituzzjoni jew entità msemmija fl-Artikolu 12(1) u l-aċċess minnha għall-finanzjament mingħajr rikors għal appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju minbarra kontribuzzjonijiet mill-Fond, skont l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 76(3), wara l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni. Dak l-ammont għandu jkun aġġustat 'il fuq jekk, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, il-Bord jiddetermina li jkun meħtieġ ammont akbar biex tinżamm fiduċja tas-suq suffiċjenti u tiġi żgurata kemm il-provvista kontinwa ta' funzjonijiet ekonomiċi kritiċi mill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fl-Artikolu 12(1) u l-aċċess minnha għall-finanzjament mingħajr rikors għal appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju minbarra kontribuzzjonijiet mill-Fond, skont l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 76(3), għal perijodu xieraq ta' żmien li ma għandux jaqbeż sena.

4. Għal entitajiet ta' riżoluzzjoni li mhumiex soġġetti għall-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li huma parti minn grupp ta' riżoluzzjoni, li l-assi totali tiegħu jaqbżu EUR 100 biljun, il-livell tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkun tal-anqas daqs:

(a) 13,5 % meta kkalkulat skont il-punt (a) tal-Artikolu 12a(2); u

(b) 5 % meta kkalkulat skont il-punt (b) tal-Artikolu 12a(2).

B'deroga mill-Artikolu 12c, l-entitajiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jissodisfaw livell tar-rekwiżit imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu li huwa daqs 13,5 % meta kkalkulat skont il-punt (a) tal-Artikolu 12a(2) u daqs 5 % meta kkalkulat skont il-punt (b) tal-Artikolu 12a(2) bl-użu ta' fondi proprji, strumenti eliġibbli subordinati, jew l-obbligazzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 12c(3) ta' dan ir-Regolament.

5. Fuq talba tal-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni ta' entità ta' riżoluzzjoni, il-Bord għandu japplika r-rekwiżiti minimi stipulati fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għal entità ta' riżoluzzjoni li mhijiex soġġetta għall-Artikolu 92a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u hija parti minn grupp ta' riżoluzzjoni li l-assi totali tiegħu huma inqas minn EUR 100 biljun, u li hija meqjusa mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni li raġonevolment x'aktarx tippreżenta riskju sistemiku fil-każ tal-falliment tagħha.

Meta tkun qed tieħu deċiżjoni li tagħmel talba kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandha tqis:

(a) il-prevalenza ta' depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament;

(b) il-punt sa fejn l-aċċess huwa limitat għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli;

(c) il-punt sa fejn l-entità ta' riżoluzzjoni tiddipendi fuq kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f.

In-nuqqas ta' talba mill-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni tal-Bord taħt l-Artikolu 12c(5).

6. Għal entitajiet li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, l-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jkun li ġej:

(a) bil-għan li jiġi kkalkulat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1), f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2), is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit li jikkorrispondi għar-rekwiżiti msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE tal-entità; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-entità tirristawra l-konformità mar-rekwiżit tal-proporzjon totali tal-kapital tagħha msemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-rekwiżit tiegħu msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament jew wara r-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni; u

(b) għall-fini li jiġi kkalkulat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1), f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), is-somma ta':

(i) l-ammont ta' telf li għandu jiġi assorbit li jikkorrispondi għar-rekwiżit ta' proporzjon ta' ingranaġġ tal-entità msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(ii) ammont ta' rikapitalizzazzjoni li jippermetti lill-entità tirristawra l-konformità mar-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ tagħha msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament jew wara r-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress f'termini perċentwali bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu diviż bl-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-Artikolu 12a(2), ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi espress f'termini perċentwali bħala l-ammont ikkalkulat skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, diviż bil-miżura tal-iskopertura totali.

Meta jkun qed jistabbilixxi r-rekwiżit individwali provdut fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Bord għandu jqis ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 27(7).

Meta jkun qed jistabbilixxi l-ammonti ta' rikapitalizzazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti, il-Bord għandu:

(a) juża l-valuri l-aktar reċenti rrappurtati għall-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju jew għall-miżura ta' skopertura totali rilevanti, aġġustati għal kwalunkwe tibdil li jirriżulta mill-azzjonijiet previsti fil-pjan ta' riżoluzzjoni; u

(b) wara li jkun ikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, jaġġusta 'l isfel jew 'il fuq l-ammont li jikkorrispondi għar-rekwiżit attwali msemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiddetermina r-rekwiżit applikabbli għall-entità rilevanti wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament jew wara r-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni..

Il-Bord għandu jkun jista' jżid ir-rekwiżit stipulat fil-punt (a)(ii) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu b'ammont adegwat meħtieġ biex jiżgura li, wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti f'konformità mal-Artikolu 21, l-entità hija kapaċi iżżomm fiduċja suffiċjenti tas-suq għal perijodu xieraq li m'għandux jaqbeż sena.

Fejn ikun applikabbli s-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-ammont imsemmi f'dak is-subparagrafu għandu jkun stabbilit fl-istess livell tar-rekwiżit ta' riżerva kombinata li għandu japplika wara l-eżerċizzju tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 jew wara r-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni, bit-tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE.

L-ammont imsemmi fis-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun aġġustat 'l isfel jekk, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, il-Bord jiddetermina li jkun fattibbli u kredibbli li ammont aktar baxx huwa suffiċjenti biex tiġi żgurata l-fiduċja tas-suq u tiġi żgurata kemm il-provvista kontinwa ta' funzjonijiet ekonomiċi kritiċi mill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fl-Artikolu 12(1) kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament mingħajr rikors għal appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju għajr kontribuzzjonijiet mill-Fond, b'mod

konsistenti mal-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 76(3), wara l-eżerċizzju tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 jew ir-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni. Dak l-ammont għandu jkun aġġustat 'il fuq jekk, wara li jikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti, inkluż il-BĊE, il-Bord jiddetermina li huwa meħtieġ ammont ogħla biex tinżamm il-fiduċja tas-suq u tiġi żgurata kemm il-provvista kontinwa ta' funzjonijiet ekonomiċi kritiċi mill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fl-Artikolu 12(1) kif ukoll l-aċċess għall-finanzjament mingħajr rikors għal appoġġ finanzjarju pubbliku straordinarju għajr kontribuzzjonijiet mill-Fond, skont l-Artikolu 27(7) u l-Artikolu 76(3) għal perijodu xieraq ta' żmien li ma għandux jaqbeż sena.

7. Fejn il-Bord jistenna li ċerti klassijiet ta' obbligazzjonijiet eliġibbli raġonevolment x'aktarx li jiġu esklużi kompletament jew parzjalment mir-rikapitalizzazzjoni interna f'konformità mal-Artikolu 27(5) jew jistgħu jiġu trasferiti kompletament lil riċevitur taħt trasferiment parzjali, ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għandu jiġi ssodisfat b'fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli oħra b'mod suffiċjenti sabiex:

(a) jiġi kopert l-ammont ta' obbligazzjonijiet esklużi identifikati skont l-Artikolu 27(5);

(b) jiġi żgurat li l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 huma ssodisfati.

8. Kwalunkwe deċiżjoni tal-Bord li jimponi rekwiżit minimu ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont dan l-Artikolu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 ta' dan l-Artikolu, u għandha tiġi rieżaminata mill-Bord mingħajr dewmien bla bżonn biex tirrifletti kwalunkwe tibdil fil-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE.

9. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 6 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżiti kapitali għandhom jiġu interpretati f'konformità mal-applikazzjoni tal-awtorità kompetenti tad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stabbiliti fil-Kapitoli 1, 2 u 4 tat-Titolu I tal-Għaxar Parti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni nazzjonali li jeżerċitaw l-għażliet mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti minn dak ir-Regolament.

Artikolu 12e

Determinazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni ta' G-SIIs u sussidjarji materjali tal-Unjoni ta' G-SIIs mhux tal-UE

1. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal entità ta' riżoluzzjoni li hija G-SII jew parti minn G-SII għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 92a u 494 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(b) kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli determinat mill-Bord speċifikament relattiv għal dik l-entità f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal sussidjarja materjali tal-Unjoni ta' G-SII mhux tal-UE għandu jikkonsisti minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 92b u 494 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(b) kwalunkwe rekwiżit addizzjonali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli determinat mill-Bord speċifikament relattiv għal dik is-sussidjarja materjali f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li għandu jiġi ssodisfat b'fondi proprji u obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 12g u l-Artikolu 92b(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Il-Bord għandu jimponi rekwiżit addizzjonali għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu (1) u l-punt (b) tal-paragrafu 2 biss:

(a) meta r-rekwiżit imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 jew il-punt (a) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ma jkunx biżżejjed biex jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12d; u

(b) sa punt li jiżgura li l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12d jiġu ssodisfati.

4. Kwalunkwe deċiżjoni mill-Bord li jimponi rekwiżit addizzjonali ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew il-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun fiha r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni, inkluża valutazzjoni sħiħa tal-elementi msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u għandha tiġi rieżaminata mill-Bord mingħajr dewmien bla bżonn biex tirrifletti kwalunkwe tibdil fil-livell tar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 104a tad-Direttiva 2013/36/UE applikabbli għall-grupp ta' riżoluzzjoni jew għas-sussidjarja materjali tal-Unjoni ta' G-SII mhux tal-UE.

Artikolu 12f

Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet ta' riżoluzzjoni

1. Entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12c sa 12e fuq bażi konsolidata fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni.

2. Il-Bord, wara konsultazzjoni mal-awtorità tar-riżoluzzjoni fil-livell tal-grupp, jekk dik l-awtorità ma tkunx il-Bord, u s-superviżur konsolidanti, għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal entità ta' riżoluzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti fil-livell konsolidat ta' grupp ta' riżoluzzjoni abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12c sa 12e u abbażi ta' jekk is-sussidjarji ta' pajjiżi terzi tal-grupp għandhomx jiġu riżolti separatament skont il-pjan ta' riżoluzzjoni.

3. Għall-gruppi ta' riżoluzzjoni identifikati skont il-punt (b) tal-punt (24b) tal-Artikolu 3(1), il-Bord għandu jiddeċiedi, skont il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà u tal-istrateġija preferuta ta' riżoluzzjoni, liema entitajiet fil-grupp ta' riżoluzzjoni huma meħtieġa jikkonformaw mal-Artikolu 12d(3) u (4) u l-Artikolu 12e(1), biex ikun żgurat li l-grupp ta' riżoluzzjoni bħala ħaġa waħda jikkonforma mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u kif tali entitajiet għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-pjan ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 12g

Applikazzjoni tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal entitajiet li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni

1. Istituzzjonijiet li huma sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni jew ta' entità ta' pajjiż terz u li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni huma nfushom għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12d fuq bażi individwali.

Il-Bord jista', wara li jkun ikkonsulta mal-awtoritajiet kompetenti inkluż il-BĊE, jiddeċiedi li japplika r-rekwiżit stabbilit f'dan l-Artikolu għal entità msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2 li hija sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni u li mhijiex entità ta' riżoluzzjoni hija nnifisha.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-impriżi omm tal-Unjoni li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni huma nfushom u huma sussidjarji ta' entitajiet ta' pajjiżi terzi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 12d u 12e fuq bażi konsolidata.

Għall-gruppi ta' riżoluzzjoni identifikati skont il-punt (b) tal-punt (24b) tal-Artikolu 3(1), dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali, iżda li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, korp ċentrali li mhuwiex entità ta' riżoluzzjoni, u kwalunkwe entità ta' riżoluzzjoni li mhijiex soġġetta għal rekwiżit taħt l-Artikolu 12f(3), għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 12d(6) fuq bażi individwali.

Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal entità msemmija f'dan il-paragrafu għandu jkun determinat abbażi tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12d.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) għal entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ssodisfat permezz ta' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet:

(i) li jinħarġu lill-entità ta' riżoluzzjoni u li jinxtraw minnha, direttament jew indirettament permezz ta' entitajiet oħra fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni li jkun xtara l-obbligazzjonijiet mill-entità soġġetta għal dan l-Artikolu jew li jinħarġu lil azzjonist eżistenti li mhux parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni, jew li huma mixtrija minnu, dment li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni f'konformità mal-Artikolu 21 ma jaffettwax il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni;

(ii) li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà msemmija fl-Artikolu 72a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ħlief għall-punti (b), (c), (k), (l) u (m) tal-Artikolu 72b(2) u l-Artikolu 72b(3) sa (5) ta' dak ir-Regolament;

(iii) li fi proċedimenti ta' insolvenza normali jikklassifikaw taħt obbligazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kondizzjoni msemmija fil-punt (i) u li mhumiex eliġibbli għal rekwiżiti ta' fondi proprji;

(iv) li huma soġġetti għal setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikolu 21 b'mod li huwa konsistenti mal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari billi ma jiġix affettwat il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni;

(v) li l-akkwist ta' sjieda tagħhom mhuwiex iffinanzjat direttament jew indirettament mill-entità soġġetta għal dan l-Artikolu;

(vi) id-dispożizzjonijiet li jirregolawhom ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-obbligazzjonijiet għandhom jinxtraw, jinfdew, jitħallsu lura jew jinxtraw mill-ġdid b'mod bikri, kif applikabbli mill-entità soġġetta għal dan l-Artikolu għajr fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni ta' dik l-entità, u dik l-entità ma tipprovdix b'mod ieħor indikazzjoni tali;

(vii) id-dispożizzjonijiet li jirregolawhom ma jagħtux lid-detentur id-dritt li jaċċellera l-pagament skedat fil-futur tal-imgħax jew tal-kapital, ħlief fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-entità soġġetta għal dan l-Artikolu;

(viii) il-livell ta' pagamenti ta' mgħax jew dividenti, kif applikabbli, li huma dovuti fuq l-obbligazzjonijiet ma jiġix emendat abbażi tal-affidabbiltà kreditizja tal-entità soġġetta għal dan l-Artikolu jew tal-intrapriża omm tagħha;

(b) fondi proprji, kif ġej:

(i) kapital ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni, u

(ii) fondi proprji oħrajn li:

— huma maħruġa lil u mixtrija minn entitajiet li huma inklużi fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni, jew

— huma maħruġa lil u mixtrija minn entitajiet li mhumiex inklużi fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni sakemm l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni f'konformità mal-Artikolu 21 ma jaffettwax il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni.

3. Il-Bord jista' jippermetti li r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 21a(1) jiġi ssodisfat kompletament jew parzjalment b'garanzija pprovduta mill-entità ta' riżoluzzjoni, li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kemm is-sussidjarja kif ukoll l-entità ta' riżoluzzjoni huma stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti u jagħmlu parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(b) l-entità ta' riżoluzzjoni tissodisfa r-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f:

(c) il-garanzija tingħata għal mill-inqas ammont li huwa ekwivalenti għall-ammont tar-rekwiżit li tissostitwixxi;

(d) il-garanzija tiġi skattata meta s-sussidjarja ma tkunx kapaċi tħallas id-djun tagħha jew obbligazzjonijiet oħra meta jsiru dovuti jew tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 21(3) fir-rigward tas-sussidjarja, skont liema jiġi l-ewwel;

(e) il-garanzija tkun kollateralizzata permezz ta' arranġament kollaterali finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għal mill-inqas 50 % tal-ammont tagħha;

(f) il-kollateral li jappoġġa l-garanzija jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 197 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li, wara valwazzjonijiet negattivi adegwatament konservattivi, ikun biżżejjed biex ikopri l-ammont kollateralizzat kif imsemmi fil-punt (e);

(g) il-kollateral li jappoġġa l-garanzija mhux gravat u b'mod partikolari ma jintużax bħala kollateral biex jappoġġa kwalunkwe garanzija oħra;

(h) il-kollateral għandu maturità effettiva li tissodisfa l-istess kondizzjoni ta' maturità bħal dik imsemmija fl-Artikolu 72c(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u

(i) ma hemm l-ebda ostaklu legali, regolatorju jew operattiv għat-trasferiment tal-kollateral mill-entità ta' riżoluzzjoni għas-sussidjarja rilevanti, inkluż fejn tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (i) tal-ewwel subparagrafu, fuq talba tal-Bord, l-entità ta' riżoluzzjoni għandha tipprovdi opinjoni legali indipendenti, motivata u bil-miktub jew inkella għandha turi b'mod sodisfaċenti ieħor li ma hemm ebda ostaklu legali, regolatorju jew operattiv għat-trasferiment tal-kollateral mill-entità ta' riżoluzzjoni għas-sussidjarja rilevanti.

Artikolu 12h

Rinunzja tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli applikata għal entitajiet li huma nfushom mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni

1. Il-Bord jista' jirrinunzja l-applikazzjoni tal-Artikolu 12g fir-rigward ta' sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti fejn:

(a) kemm is-sussidjarja kif ukoll l-entità ta' riżoluzzjoni jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti u jagħmlu parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(b) l-entità ta' riżoluzzjoni tikkonforma mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f;

(c) ma hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali, attwali jew anticipat għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew għall-ħlas lura tal-obbligazzjonijiet mill-entità ta' riżoluzzjoni lis-sussidjarja li fir-rigward tagħha tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 21(3), b'mod partikolari meta tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-entità ta' riżoluzzjoni.

2. Il-Bord jista' jirrinunzja l-applikazzjoni tal-Artikolu 12g għal sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni stabbilita fi Stat Membru parteċipanti fejn:

(a) kemm is-sussidjarja kif ukoll l-impriża omm tagħha huma stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti u jagħmlu parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(b) l-intrapriża omm tikkonforma fuq bażi konsolidata mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12a(1) f'dak l-Istat Membru parteċipanti;

(c) ma hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali, attwali jew anticipat għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew għall-ħlas lura tal-obbligazzjonijiet mill-impriża omm lis-sussidjarja li fir-rigward tagħha tkun saret determinazzjoni skont l-Artikolu 21(3), b'mod partikolari meta tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-impriża omm.

Artikolu 12i

Eżenzjoni għal korp ċentrali u istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti ma' korp ċentrali

Il-Bord jista' jirrinunzja, parzjalment jew kompletament, l-applikazzjoni tal-Artikolu 12g fir-rigward ta' korp ċentrali jew ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun affiljata b'mod permanenti ma' korp ċentrali, fejn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-korp ċentrali huma soġġetti għal superviżjoni mill-istess awtorità kompetenti u huma stabbiliti fl-istess Stat Membru parteċipanti u huma parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(b) l-impenji tal-korp ċentrali u tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti tagħha huma konġunti u bosta obbligazzjonijiet jew l-impenji tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti tiegħu huma garantiti totalment mill-korp ċentrali;

(c) ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, u s-solvenza u l-likwidità tal-korp ċentrali u tal-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti kollha huma sorveljati bħala ħaġa waħda abbażi ta' kontijiet konsolidati ta' dawk l-istituzzjonijiet;

(d) fil-każ ta' rinunzja għal istituzzjoni ta' kreditu li tkun affiljata b'mod permanenti ma' korp ċentrali, il-maniġment tal-korp ċentrali għandu s-setgħa joħroġ struzzjonijiet lill-maniġment tal-istituzzjonijiet affiljati b'mod permanenti;

(e) il-grupp ta' riżoluzzjoni rilevanti jikkonforma mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f(3); u,

(f) ma hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali, attwali jew anticipat għat-trasferiment immedjat ta' fondi proprji jew ħlas lura ta' obbligazzjonijiet bejn il-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati b'mod permanenti f'każ ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 12j

Ksur tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Kwalunkwe ksur tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikoli 12f jew 12g għandu jiġi indirizzat abbażi ta' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) setgħat biex jiġu indirizzati jew jitneħħew impedimenti għar-riżolvibbiltà skont l-Artikolu 10;

(b) setgħat imsemmija fl-Artikolu 10a;

(c) miżuri msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(d) miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 13;

(e) penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra skont l-Artikoli 110 u 111 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Barra minn hekk, il-Bord jew il-BĊE jistgħu jwettqu alutazzjoni ta' jekk l-istituzzjoni hux qed tfalli jew probabbilment ser tfalli f'konformità mal-Artikolu 18.,

2. Il-Bord, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri parteċipanti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin meta jeżerċitaw is-setgħat rispettivi tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 12k

Arranġamenti tranżizzjonali u ta' wara riżoluzzjoni

1. B'deroga mill-Artikolu 12a(1), il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jiddeterminaw perijodi tranżizzjonali adatti sabiex entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) u (3) jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikoli 12f jew 12g, jew mar-rekwiżiti derivanti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7), skont il-każ. L-iskadenza gall-entitajiet biex ikunu konformi mar-rekwiżiti fl-Artikoli 12f jew 12g jew mar-rekwiżiti derivanti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7) għandha tkun l-1 ta' Jannar 2024.

Il-Bord għandu jiddetermina livelli ta' mira intermedju għar-rekwiżiti fl-Artikoli 12f jew 12g jew għal rekwiżiti derivanti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7), skont il-każ, li magħhom l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 12(1) u (3) għandhom jikkonformaw fl-1 ta' Jannar 2022. Il-livelli tal-mira intermedja għandhom, bħala regola, jiżguraw akkumulazzjoni lineari tal-obbligazzjonijiet eliġibbli u fondi proprji lejn ir-rekwiżit.

Il-Bord jista' jistabbilixxi perijodu tranżizzjonali li jkun itwal mill-1 ta' Jannar 2024 meta dan ikun debitament ġustifikat u adatt, abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafu 7 u billi jittieħed kont ta':

(a) l-iżvilupp tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-entità;

(b) il-prospett li l-entità ser tkun tista' tiżgura l-konformità f'perijodu ta' żmien raġonevoli mar-rekwiżiti tal-Artikolu 12f jew 12g jew rekwiżit li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7); u

(c) jekk l-entità tistax tissostitwixxi l-obbligazzjonijiet li m'għadhomx jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà jew ta' maturità stabbiliti fl-Artikoli 72b u 72c tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Artikolu 12c jew l-Artikolu 12g(2) ta' dan ir-Regolament, u jekk le, jekk dik l-inabbiltà hijiex ta' natura idjosinkratika jew minħabba tfixkil fis-suq kollu.

2. L-iskadenza għall-entitajiet ta' riżoluzzjoni biex ikunu konformi mal-livell minimu tar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12d(4) jew (5) għandha tkun l-1 ta' Jannar 2022.

3. Il-livelli minimi tar-rekwiżiti imsemmija fl-Artikolu 12d(4) u (5) ma għandhomx japplikaw fi żmien sentejn wara d-data:

(a) li fiha l-Bord jew l-awtorità nazzjonali ta' riżoluzzjoni ikunu applikaw l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna;

(b) li fiha l-entità ta' riżoluzzjoni tkun stabbilixxiet miżura alternattiva għas-settur privat kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 18(1) li permezz tagħha strumenti kapitali u obbligazzjonijiet oħra jkunu ġew valwati negattivament jew ikkonvertiti fi strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, jew li fiha ġew eżerċitati setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni, skont l-Artikolu 21, fir-rigward ta' dik l-entità ta' riżoluzzjoni, sabiex l-entità ta' riżoluzzjoni tkun rikapitilizzata mingħajr l-applikazzjoni ta' għodod ta' riżoluzzjoni.

4. Ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 12c(4) u (7) kif ukoll fl-Artikolu 12d(4) u (5), kif applikabbli, ma għandhomx japplikaw fil-perjodu tat-tliet snin wara d-data li fiha l-entità ta' riżoluzzjoni jew il-grupp li l-entità ta' riżoluzzjoni hija parti minnu jkunu ġew identifikati bħala GSII, jew l-entità ta' riżoluzzjoni tibda tkun fil-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 12d(4) jew (5).

5. B'deroga mill-Artikolu 12a(1), il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jiddeterminaw perijodu tranżizzjonali xieraq għal konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 12f jew 12g, jew rekwiżit derivanti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 12c(4), (5) jew (7), kif xieraq, għal entitajiet li għalihom ġew applikati għodod ta' riżoluzzjoni jew is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 21.

6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 5, il-Bord u l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni għandhom jikkomunikaw lill-entità rekwiżit minimu ippjanat għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għal kull perijodu ta' tnax-il xahar matul il-perijodu tranżizzjonali bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata akkumulazzjoni gradwali tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni tagħha. Fi tmiem il-perijodu tranżizzjonali, ir-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jkun daqs l-ammont determinat skont l-Artikolu 12c(4), (5) jew (7), l-Artikolu 12d(4) jew (5), l-Artikolu 12f jew l-Artikolu 12g, kif applikabbli.

7. Meta jiddetermina l-perijodi tranżizzjonali, il-Bord għandu jqis:

(a) il-prevalenza ta' depożiti u n-nuqqas ta' strumenti tad-dejn fil-mudell ta' finanzjament;

(b) l-aċċess għas-swieq kapitali għal obbligazzjonijiet eliġibbli;

(c) sa fejn tkun id-dipendenza tal-entità ta' riżoluzzjoni fuq il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni 1 biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 12f.

8. Soġġett għall-paragrafu 1, il-Bord ma għandux jiġi mwaqqaf milli sussegwentement jirrevedi jew il-perijodu tranżizzjonali jew kwalunkwe rekwiżit minimu ippjanat għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ikkomunikat skont il-paragrafu 6.

(*) Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti ta' kollateral finanzjarju (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).";

(7) l-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Bord għandu jieħu azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' impriża omm imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2, fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1) ikunu ssodisfati.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Minkejja l-fatt li impriża omm ma tkunx tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1), il-Bord jista' jiddeċiedi dwar azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dik l-impriża omm meta din tkun entità ta' riżoluzzjoni u meta sussidjarja waħda jew aktar mis-sussidjarji tagħha li jkunu istituzzjonijiet u mhux entitajiet ta' riżoluzzjoni jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18(1) u l-assi u l-obbligazzjonijiet tagħhom jkunu tali li l-falliment tagħhom jhedded istituzzjoni jew lill-grupp kollu fl-intier tiegħu u azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dik l-impriża omm tkun neċessarja jew għar-riżoluzzjoni ta' dawk is-sussidjarji li huma istituzzjonijiet jew għar-riżoluzzjoni tal-grupp ta' riżoluzzjoni rilevanti fl-intier tiegħu.";

(8) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) b'kont meħud taż-żmien u ta' ċirkostanzi rilevanti oħra, ma hemmx prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, jew azzjoni ta' superviżjoni, inklużi miżuri ta' intervent bikri jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21, meħuda fir-rigward tal-entità, jistgħu jimpedixxu l-falliment tagħha f'limitu ta' żmien raġonevoli;"

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. Il-Bord jista' jadotta skema ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li huma affiljati b'mod permanenti magħha li huma parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni meta dak il-grupp ta' riżoluzzjoni jikkonforma bħala ħaġa waħda mal-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.";

(9) l-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) fil-punt (a), il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21";

(ii) il-punti (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(c) meta tiġi applikata s-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21(7), biex tkun infurmata d-deċiżjoni dwar il-punt sa liema għandhom jiġu kkanċellati jew dilwiti l-istrumenti ta' sjieda, u l-punt sa liema għandhom jiġu vvalutati negattivament jew kkonvertiti l-istrumenti kapitali rilevanti u l-obbligazzjonijiet eliġibbli;

(d) meta tiġi applikata l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, biex tkun infurmata d-deċiżjoni dwar il-punt sa liema għandhom jiġu valwati negattivament jew jiġu kkonvertiti l-obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna;";

(iii) fil-punt (g), il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21";

(c) fil-paragrafi 6, 13 u 15, il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 21";

(10) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Valutazzjoni negattiva jew konverżjoni ta' strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli**";

(b) fil-parti introduttorju u fil-punt (b) tal-paragrafu 1, il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmija fil-paragrafu 7a";

(c) fil-punt (b) tal-paragrafu 3, il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 7a";

(d) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Jekk tiġi ssodisfata kondizzjoni waħda jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1, il-Bord, filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, għandu jiddetermina jekk is-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandhomx jiġu eżerċitati indipendentement jew flimkien ma' azzjoni ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-proċedura taħt l-Artikolu 18,.

Fejn strumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli jkunu nxtraw mill-entità ta' riżoluzzjoni b'mod indirett permezz ta' entitajiet oħrajn fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni, is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' dawk l-istrumenti kapitali rilevanti u obbligazzjonijiet eliġibbli għandha tiġi eżerċitata flimkien mal-eżerċizzju tal-istess setgħa fil-livell tal-intrapriża omm tal-entità kkonċernata jew fil-livell ta' intrapriżi omm oħrajn li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, sabiex it-telf jiġi effettivament mgħoddi lill-entità ta' riżoluzzjoni, u l-entità kkonċernata tiġi rikapitalizzata mill-entità ta' riżoluzzjoni.

Wara l-eżerċizzju tas-setgħa ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' strumenti kapitali rilevanti jew ta' obbligazzjonijiet eliġibbli indipendentement minn azzjoni ta' riżoluzzjoni, għandha titwettaq il-valwazzjoni prevista fl-Artikolu 20(16) u għandu japplika l-punt (e) tal-Artikolu 76(1).";

(e) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"7a. Is-setgħa ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli indipendentement minn azzjoni ta' riżoluzzjoni tista' tiġi eżerċitata biss fir-rigward ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12g(2) ta' dan ir-Regolament, minbarra l-kondizzjoni relatata mal-maturità pendenti ta' obbligazzjonijiet kif stabbilita fl-Artikolu 72c(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Meta dik is-setgħa tkun eżerċitata, il-valutazzjoni negattiva jew il-konverżjoni għandhom isiru f'konformità mal-prinċipju msemmi fil-punt (g) tal-Artikolu 15(1).

7b. Meta tittieħed azzjoni ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' entità ta' riżoluzzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali b'devjazzjoni mill-pjan ta' riżoluzzjoni, fir-rigward ta' entità li ma tkunx entità ta' riżoluzzjoni, l-ammont li jitnaqqas, jiġi valwat b'mod negattiv jew jiġi konvertit f'konformità mal-Artikolu 21(10) fil-livell ta' tali entità għandu jgħodd lejn il-livelli limiti stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 27(7) applikabbli għall-entità kkonċernata.";

(f) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 8, il-kliem "strumenti kapitali" huma sostitwiti bil-kliem "strumenti kapitali u obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmija fil-paragrafu 7a";

(g) fil-paragrafu 10, jiżdied il-punt li ġej:

"(d) l-ammont prinċipali ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kif imsemmi fil-paragrafu 7a jiġi valutat b'mod negattiv jew konvertit fi strumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew it-tnejn, sal-punt meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' riżoluzzjoni stabbiliti fl-Artikolu 14 jew sal-punt tal-kapaċità tal-obbligazzjonijiet eliġibbli rilevanti, skont liema minnhom ikun l-aktar baxx.";

(11) l-Artikolu 27 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem "obbligazzjonijiet eliġibbli" huma sostitwiti bil-kliem "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna";

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) obbligazzjonijiet b'maturità pendenti ta' inqas minn sebat ijiem, dovuti lil sistemi jew operaturi ta' sistemi maħsuba skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew lill-parteċipanti tagħhom u li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'tali sistema, jew lil CCPs awtorizzati fl-Unjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-ESMA skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament;

(*) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).";

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"h) obbligazzjonijiet lil entitajiet imsemmija fil-punt (a), (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li jagħmlu parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jkunu huma nfushom entitajiet ta' riżoluzzjoni, irrispettivament mill-maturitajiet tagħhom, ħlief meta dawn l-obbligazzjonijiet jikklassifikaw 'l isfel minn obbligazzjonijiet ordinarji mhux garantiti skont il-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru parteċipanti li tirregola l-proċedimenti normali ta' insolvenza applikabbli fit-28 ta' Diċembru 2020; fil-każijiet fejn tkun tapplika dik l-eċċezzjoni, il-Bord għandu jivvaluta jekk l-ammont ta' punti li jikkonformaw mal-Artikolu 12g(2) ikunx suffiċjenti biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni preferuta.";

(c) fil-paragrafu 4, il-kliem "obbligazzjonijiet eliġibbli għal għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna" huma sostitwiti bil-kliem "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna";

(d) fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Bord għandu jivvaluta b'attenzjoni jekk l-obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet jew entitajiet li huma parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni mingħajr ma jkunu huma stess entitajiet ta' riżoluzzjoni u li mhumiex eskluži mill-applikazzjoni tas-setgħat ta' valutazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni taħt il-punt (h) tal-paragrafu 3 għandhomx jiġu eskluži jew eskluži parzjalment taħt il-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni.

Fejn tiġi eskluża, għal kollox jew parzjalment, obbligazzjoni b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna jew klassi ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna, taħt dan il- paragrafu, il-livell ta' valwazzjoni negattiva jew konverżjoni applikat għal obbligazzjonijiet oħra b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna jista' jiżdied sabiex jittieħed kont ta' tali l-esklużjonijiet, sakemm il-livell ta' valwazzjoni negattiva u konverżjoni applikat għal obbligazzjonijiet oħra b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna jkun jikkonforma mal-prinċipju stipulat fil-punt (g) tal-artikolu 15(1).";

(e) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fejn obbligazzjoni b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna jew klassi ta' obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna jiġu eskluży għal kollox jew parzjalment, skont il-paragrafu 5, u t-telf li kien jiġġarrab minn dawk l-obbligazzjonijiet ma jkunx għadda kollu fuq kredituri oħrajn, tista' ssir kontribuzzjoni mill-Fond lill-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni biex tagħmel waħda jew it-tnejn minn dawn li ġejjin:

(a) tkopri kwalunkwe telf li ma jkunx ġie assorbit minn obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna u jiġi restawrat għal żero l-valur nett tal-assi tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont il-punt (a) tal-paragrafu 13;

(b) jinxtraw strumenti ta' sjieda jew strumenti kapitali fl-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, sabiex l-istituzzjoni tiġi rikapitalizzata f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 13.";

(f) fil-punt (a) tal-paragrafu 7, il-kliem "obbligazzjonijiet eliġibbli" huma sostitwiti bil-kliem "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna";

(g) fil-paragrafu 13, il-kliem "obbligazzjonijiet eliġibbli" huma sostitwiti bil-kliem "obbligazzjonijiet b'kapaċità ta' rikapitalizzazzjoni interna";

(12) fl-Artikolu 31(2), il-kliem "l-Artikolu 45(9) sa (13)" huma sostitwiti bil-kliem "l-Artikolu 45h";

(13) fl-Artikolu 32(1), il-kelma "12" hija sostitwita bil-kliem "12 sa 12k".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mit-28 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2019.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
A. TAJANI	G. CIAMBA